# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Gunju 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 701/98mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Christopher Fenech Soler u b'digriet tat-12 ta' Ottubru,1999 l-isem Christopher gie mibdul f'Kristian**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' April 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' tlett mija u disghin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm390.21c) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 334515 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond Plaza Shopping Centre, Bisazza Street, Sliema, skond kopja tal-agreement hawn anness u mmarkat Dok B.

Bl-isejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Dicembru 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi, in linea preliminari, ma tezisti l-ebda persuna bl-isem ta' Christopher Fenech Soler li tirrisjedi fl-indirizz fejn gie notifikat l-att tal-Avviz odjern, u lanqas id-dokumenti ezebiti ma jindikaw dan l-isem bhala l-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici fil-kaz odjern. L-esponent ghalhekk jitlob illi jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni fuq sollevata, it-talba attrici hija, f'kull kaz, preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt illi l-esponent m'ghandu jaghti l-ebda ammont lis-socjeta' attrici.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-korrezzjoni fl-okkju ta' l-avviz tat-12 ta' Ottubru,1999 a fol 23 u d-digriet taghha ta' l-istess data.

Rat illi l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu fil-15 ta' Frar 2000 stante l-korrezzjoni maghmula fl-okkju ta' l-avviz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qed ipoggi ostakolu ghat-talba attrici ai termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-ahhar artikolu jippreskrivi terminu ta' hames snin ghal diversi azzjonijiet elenkati fl-istess artikolu.

Ikkunsidrat:

Illi t-terminu eccepit mill-konvenut fin-nota tieghu hu wiehed korrett. Veru illi l-preskrizzjoni f'dawn il-kazijiet fejn jinvolvi telefonati jiddekadi bil-perkors ta' hames (5) snin. F'kawza deciza fil-5 ta' Novembru 1992 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Scicluna noe  vs Robert Spiteri stabbiliet il-perjodu preskrittiv ghall-azzjoni ghal hlas ta' kera u calls fi zmien hames snin. Peress illi dana huwa servizz moghti mill-korporazzjoni u l-hlas hu ghal dan is-servizz: "… il-kreditu ma hux dovut ghal kiri ta' hwejjeg mobbli izda ghal servizz tat-telephone. Il-kuntratt bejn id-dipartiment u l-konvenut - subscriber jirreferi ghal servizz ta' telephone permezz ta' stallazzjoni ta' taghmir jew apparat provdut mill-attur. Huwa veru li s-*subscriber* ihallas a charge ghal kull telefonata u kera ta' l-installazzjoni jew apparat, izda

dan ma jbiddilx in-natura tan-negozju li huwa wiehed ta' servizz u l-hlas huwa biss mod kif jigi regolat il-kumpens ghal dan is-servizz".

A fol 38 tal-process hemm esebit rendikont tal-calls maghmula mill-konvenut u kif is-socjeta' attrici waslet biex tiggustifika t-talba taghha. Fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti r-rappresentant tas-socjeta' attrici a fol 36 ighid illi l-aktar kont antik jirrizali sa Gunju 1994. Saret ittra ufficjali fid-29 ta' Dicembru 1997 izda skond verbal maghmul fil-21 ta' Marzu,2001 din l-ittra ufficjali qatt ma giet notifikata lill-konvenut. Ghalhekk il-Qorti trid tiehu l-prezentata ta' dan l-avviz bhala l-ewwel att gudizzjarju illi bih itterrompa l-preskrizzjoni. Dan l-avviz gie pprezentat fl-14 ta' April 1998, ghalhekk jekk wiehed jiehu l-ahhar kont antik illi huwa Gunju 1994 u l-prezentata ta' dan l-avviz dan it-terminu ta' preskrizzjoni kif imqajjem mill-eccezzjoni tal-konvenut ghadu ghaddej favur is-socjeta' attrici. Anke jekk wiehed jiehu d-data tan-notifika tal-konvenut u cioe' l-11 ta' Frar 1999 allura xorta t-terminu jkun ghadu favur l-istess socjeta'. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tichad din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenut u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu ta' l-istess kawza.

Ghal dak jirrigwarda l-meritu, l-Qorti ghandha x-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta' attrici l-PL Noel Scerri fejn dana esebixxa kont dettaljat ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici. Dan il-kont ma giex ikkontestat mill-konvenut peress illi meta l-kawza kienet appuntata ghas-smiegh tax-xhieda tieghu dana ma deherx u ghalhekk il-Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza fuq

il-provi prodotti. Dawn il-provi jiggustifikaw it-talba tas-socjeta' attrici li timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' tlett mija u disghin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm390.21c) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 334515 liema servizz gie stallat fil-fond Plaza Shopping Centre, Bisazza Street, Sliema, skond kopja tal-ftehim anness ma' l-istess avviz.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg